MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 67/2003

**App Nru 67/03**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josephine Vassallo**
**-- omissis --**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josephine Vassallo u Diane Lia talli fit-2 ta' Ottubru, 1999 ghall-habta tal-5.00pm f'Tas-Sliema u cioe` fl-inhawi ta' Triq Camenzuli jew fil-vicinanzi:-

(1) Ikkagunaw hsara volontarja fuq vettura ta' ghamla Alfa ta' lewn abjad, bin-numru ta' registrazzjoni AAV-205, liema vettura hija proprjeta' ta' Jesmond Tabone minn Tas-Sliema, u liema hsara li saret ghad-detriment tal-istess persuna, tammonta ghal aktar minn

mitt lira Maltin (Lm100) izda anqas minn hames mitt lira Maltin (Lm500);
(2) Fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi garrew arma u cioe` katina tal-hadid, fil-pubbliku;
(3) Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi insulewntaw lil Jesmond Tabone minn Tas-Sliema , bi kliem;
(4) Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi hebbew ghall-istess persuna sabiex idejquh u jaghmlulu hsara;
(5) Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi qalu kilem li jikkonsisti f'dagha fil-pubbliku;
(6) Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi qalu kliem baxx u oxxen fil-pubbliku; u
(7) Talli fl-istess hin, jum, lok u cirkostanzi ghamlu storbju b'mod li kisru l-buon ordni u l-paci pubblika;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-23 ta' April 2003 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lil imsemmija Diane Lia mhux hatja skond l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u lliberatha, izda sabet lil Josephine Vassallo hatja "skond l-akkuza" [recte: skond l-imputazzjonijiet] u kkundannatha seba' xhur prigunerija sospizi ghal sentejn skond ma jipprovdi l-Artikolu 28A tal-Kap. 9;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Josephine Vassallo, minnha pprezentat fis-6 ta' Mejju, 2003, li permezz tieghu talbet hekk:

**Ghaldaqstant l-appellanta titlob umilment lil din l-Onorabbli Qorti toghgobha tvarja s-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' April, 2003 per Magistrat Jacquline Padovani Grima LL.D. u timponi piena anqas minn dik il-piena li hi giet ikkundannata.**

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' Settembru, 2003; ikkunsidrat;

Ghalkemm l-appellanti, fil-parti tar-rikors fejn elenkat l-aggravji, tilmenta mill-fatt li, skond hi, l-ewwel qorti "ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u l-provi" riferibbilment ghall-imputazzjoni li hija ghamlet hsara volontarja fil-vettura ta' Tabone permezz ta' katina tal-hadid – aggravju li donnu jindika li seta' kien hemm il-hsieb li dak li jkun jappella anke fuq is-sejbien ta' htija – it-talba hi kjarament limitata ghall-piena. U fil-fatt l-abbili difensur tal-appellant, fil-kors tat-tratazzjoni tieghu, ghamel sottomissjonijiet biss dwar il-piena.

Din il-Qorti ezaminat bir-reqqa il-provi kollha u ma tara ebda raguni ghala ghandha tvarja l-piena. Il-piena erogata mill-ewwel qorti kienet fil-parametri ta' dak li tipprovdi l-ligi (ara l-Artikolu 325(1)(b), Kap. 9), u d-dinamika ta' l-incident – bil-hsara deliberata intiza bhala vendikazzjoni – kienet timmerita piena karcerarja u, din il-Qorti tazzarda tghid, b'effett immedjat u mhux sospiza. Dana l-appell jirrazenta l-fieragh.

Ghall-motivi premessi, tichad l-appell u tikkonferma s–sentenza appellata. Ghal kull buon fini l-Qorti tiddikjara li spjegat lill-hatja bi kliem car ir-responsabbilta` taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kodici Kriminali jekk hija tikkommetti matul il-periodu operattiv reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija. Tigbed l-attenzjoni tar-Registratur ghal dak li jipprovdi s-subartikolu (8) tal-Art. 25A tal-Kodici kriminali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------